MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 2537/2003

**Kevin Falzon**

**Vs**

**David Grech**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta’ Lm201.50c (mitejn u lira Maltin u hamsin centezmu) rapprezentanti d-danni minnu nkorsi bhala konsegwenza ta’ kollizjoni li sehhet fit-18 t’Ottubru, 2003 fi Triq in-Naxxar, Lija, bejn il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni AAN 387 misjuqa mill-attur u l-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni JAT 472 misjuqa mill-konvenut, liema kollizjoni sehhet unikament minhabba n-negligenza, traskuragni u nuqqas ta’ osservazzjoni tar-regolamenti min-naha tal-konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ Lm201.50c (mitejn u lira Maltin u hamsin centezmu), bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------